TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 102/09

**Jason Grech**

**vs**

**Maria Agius**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Frar, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, sitt mija u żewġ ewro (€1,602), rappreżentanti spejjeż konnessi mal-konvenju fuq post li l-kuntratt ma setax isir minħabba diversi nuqqasijiet mal-MEPA.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa daħal f'konvenju mal-intimata sabiex jinxtara post u fil-verita' fil-konvenju rriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet fil-permess bil-konsegwenza li l-kuntratt ma setax isir.

Ir-rikorrenti qed jallega li sofra danni ta' elf, sitt mija u żewġ ewro (€1,602), rappreżentanti seba' mija, wieħed u tmenin ewro, u disgħa u tmenin ċenteżmi (€781.89) tan-nutar, mija u għoxrin ewro (€120) tal-Perit Michelle Micallef, tliet mija u sitta u sebgħin ewro (€376) tal-BOV, u tliet mija u erbgħa u għoxrin ewro (€324) tal-Lombard, illi jirrappreżentaw nuqqas ta' imgħaxxijiet peress li kellhom iwaqqfu l-kontijiet ħalli jsir il-bejgħ.

L-intimata ssottomettiet diversi eċċezzjonijiet li ġew deċiżi fil-mori tal-kawża, kif ukoll issottomettiet illi t-talbiet huma intempestivi.

It-Tribunal jinnota li ġew kjamati in kawża wkoll Vincent Agius, Anne Bartolo u Mario Agius.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li n-nuqqasijiet huma vera riżultat tan-nuqqasijiet li kien hemm fil-permess tal-Mepa. L-intempestivita' ma tirriżultax, peress illi ġja kien hemm tentattiv mid-Dipartiment sabiex jimmedja bejn il-partijiet.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, wara li ra t-talba tal-ispejjeż u tad-danni huma kollha validi, u jordna lill-intimata tħallas l-ammont ta' elf, sitt mija u żewġ ewro (€1,602), bl-ispejjeż kontra l-istess intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**